MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2010

Numru. 343/2007

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Abdilla**
**Spettur Martin Sammut**

**vs**

**Clayton Barbara**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Clayton Barbara ta’ 20 sena, iben Nazzareno u Josephine nee’ Cassar, imwieled Fgura fil-11 ta’ Mejju 1986 u residenti Flat 5, Qasam tal-Bini tal-Gvern Blokk B2 Fgura u detentur tal-karta tal-identita’ numru 221286(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F’ dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ nhar il-5 ta’ April 2007 ghal habta ta’ xi 03.30 ta’ filghodu waqt li kien gewwa Havana Night Club li jinsab Triq San Gorg, San Giljan, Paceville, u fil-vicinanzi:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew qieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta’ natura gravi fil-gisem ta’ Omar Cassar detentur tal-karta ta’ identita’ 331876(M), kif gie iccertifikat mit-tabib Dr. Dorian Xuereb MD Casualty Dept SLH, u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 214 u 216 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat, jew b’ mod iehor u dan bi ksur ta’ Artikolu 338(mm) ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ April 2007 (esebit a fol. 17 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2007 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Saret it-trattazzjoni finali mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda glieda li sehhet fil-Havana Night Club f’Paceville fil-5 ta’ April 2007 ghall-habta tat-3.30am. Mill-provi rrizulta li l-imputat kien qieghed fl-imsemmi night club flimkien ma uhud minn shabu u waqt li kienu qed jiehdu drink ma mejda wiehed mill-hbieb tal-imputat, certu Johann Camilleri, laqat mejda ohra fil-vicinanzi fejn kien hemm xi drinks u spicca sabiex inqaleb drink fuq certu Omar Cassar li huwa l-parti civili fil-kawza odjerna. Il-parti civili Omar Cassar li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-

udjenza tad-29 ta Ottubru 2008 isostni li d-drinks fuq il-mejda inqalbu mill-imputat u minn siehbu Johann Camilleri waqt li huma kienu qed jiccajtaw bl-idejn bejniethom. Il-habib tal-imputat qal lil Cassar li kien ser igiblu drink iehor izda wara li ghaddiet nofs siegha u d-drink baqa’ qatt ma wasal, il-habib tal-imputat waddab Lm2 fil-qmis ta’ Cassar u dan tal-ahhar isostni li meta huwa qabad l-Lm2 u rega’ ghaddiha lura lil persuna li kienet tatilu, dan ghaffigha u tefaghha f’wicc Cassar. Cassar isostni li l-imputat stiednu barra ghal glied u mbaghad qabad it-tazza li kellu f’idejh u kissirielu f’wiccu u l-imputat u siehbu bdew jaghtuh id-daqqiet ta’ sieq waqt li kien mal-art sakemm gew is-security tal-post u hargu lil kulhadd ‘il barra. Omar Cassar jghid li huwa kellu griehi fuq in-naha tax-xellug ta’ wiccu, kwazi hdejn ghajnejh. Dawn il-griehi gew klassifikati bhala gravi per natura minn Dr. Dorian Xuereb (vide certifikat mediku esebit a fol. 9 tal-atti processwali).

Kimberly Camilleri, li kienet fil-grupp ta’ hbieb ta’ Omar Cassar qalet li kienet rat mejda ittir u rat bniedem liebes flokk abjad jaghti daqqa ta’ tazza lil Omar Cassar izda hija m’gharfitx il-persuna li tat id-daqqa bhala l-imputat li kien fl-awla waqt li hija kienet qed tixhed imma qalet li lil din il-persuna, u cioe’ il-persuna li tat daqqa ta’ tazza lil Cassar, kienet ratu qabel fl-awla.

L-imputat Clayton Barbara li rrilaxxja stqarrija (inserita a fol. 12 sa 14 tal-process) u ghazel li jixhed f’dawn il-proceduri (traskrizzjoni tax-xhieda tieghu tinsab inserita a fol. 52 sa 58 tal-process) jghid li huwa kien qed jiehu drink ma shabu il-Havana meta siehbu Johann Camilleri laqat mejda vicin taghhom bil-minkeb u waqghu xi drinks fuq Omar Cassar. Huwa qal li Johann Camilleri ofrielu Lm2 sabiex jixtri drink iehor izda Cassar insista li Camilleri kellu jgiblu drink iehor u qabad il-Lm2 u ramiha mal-art u beda jinsisti li jrid li jgibulu drink iehor. Meta l-imputat qallu li seta jixtri drink biz-zewg liri li kienu tawh huwa beda jaghmel wiccu f’wicc l-imputat u joffendih. L-imputat u shabu sabiex jevitaw l-inkwiet iddecidew li jmorru f’parti ohra tan-night club izda wara ftit tal-hin raw lil Cassar jipponta subghajh lejn l-imputat u javvicinah u meta wasal

hdejh rega' beda jghajru u malli Johann Camilleri staqsa lil Cassar x'kien gara dan imbuttah ghal fuq xi nies ohra u f'daqqa wahda daru tnejn min-nies ohra ghal Johann Camilleri u l-imputat jghid li huwa mar iferraq u ra lil Cassar b'wiccu bid-demm. Dak il-hin gew is-security guards tal-post u hargu lil kulhadd 'il barra. L-imputat jinnega li huwa kellu tazza f'idejh jew li huwa ta daqqiet ta' tazza lil Cassar. Huwa jispjega li mal-art kien hemm il-hgieg imkisser u li probabilment Cassar qata' wiccu b'dan il-hgieg li kien hemm mal-art. L-imputat jispjega wkoll li huwa sofra griehi ta' natura hafifa f'dan l-incident (kif jidher mic-certifikat mediku li jinsab esebit a fol. 10 tal-process). Il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat giet korroborata interament minn zewg xhieda migjuba mill-Prosekuzzjoni u cioe' Johann Camilleri (xhieda nserita a fol. 38 sa 40 tal-process) u minn Joseph Galea (xhieda inserita a fol. 29 u 30 tal-process).

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet opposti dwar dak li seta' gara fl-incident li nqala' fil-5 ta' April 2007, u cioe' dik moghtija minn Omar Cassar min-naha l-wahda u dik moghtija mill-imputat min-naha l-ohra. Il-Qorti jidrilha li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat hija aktar kredibbli anki ghaliex din giet korroborata minn shabu Johann Camilleri u Joseph Galea filwaqt lli x-xhieda ta' Cassar ma giet korroborata minn hadd. Kimberley Camilleri li kienet il-habiba ta' Cassar fil-fatt m'gharfitx lill-imputat bhala l-persuna li ta daqqa ta' tazza lil Cassar u tghid li dik il-persuna kienet ratha qabel fl-awla izda ma kintix hemm fil-hin li hija kienet qed tixhed. Kimberley Camilleri inoltre ssemmi li kienet rat mejda ittir, haga li ma semmiha hadd aktar, l-anqas l-istess Omar Cassar.

Il-Qorti jidrilha li jezisti kunflitt ta' provi liema kunflitt ghandu ovvjament jimmilita favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------